31 ta' Ottubru, 1949

**Imħallef:**

L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Il-Pulizija *versus* Ganna Xuereb

## Appell — Provi — Xhieda.

*Huwa dover tal-Pulizija prosekutriċi li tmur quddiem il-Qorti lesta bil-provi, partikolarment bil-provi bażiljari ta' l-akkuża; imma ma jidhirx illi l-Qorti ma tistax, meta ma jkunx hemm preġudizzju għall-imputat jew għal xi raġuni oħra, u dejjem skond iċ-ċirkustanzi, tagħti lill-Pulizija posponiment, u mhux differiment, għall-produzzjoni ta' dawk il-provi.*

*Jekk però l-kawża tiġi appellata, għax il-Qorti tal-Maġistrati tkun eżerċitat id-diskrezzjoni tagħha fis-sens ta' rifjut tal-posponiment, il-Qorti ta' l-Appell ma tistax tindaħal f'dik id-diskrezzjoni u*

*taghti lill-Prosekuzzjoni l-opportunità li ġġib dawk il-provi fl-appell.*

*Każ simili ma jistax jiġi parifikat ma' dak fejn il-Prosekuzzjoni tkun ġiet illegalment impeduta milli tagħmel xi prova mill-Maġistrat.*

Fuq l-imputazzjoni illi ma obdietx l-ordnijiet tal-Pulizija billi ħalliet il-post tagħha fi stat ta' ħsara u perikolu għan-nies u għall-proprjetà ta' ħadd ieħor, wara li kienet ġiet avżata biex tneħħi dan il-perikolu, l-imputata b'sentenza tal-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta tal-11 ta' Awissu 1949, ġiet misjuba mhux ħatja minħabba li l-imputazzjoni ma ġietx pruvata, u liberata;

Sar dan l-appell mill-Attorney General;

Trattat l-appell, din il-Qorti kkunsidrat;

Jingħad fir-rikors ta' l-appell illi quddiem l-Ewwel Qorti l-Pulizija, bi żvista, nagset li tinġangi bħala xhud lill-perit Savona, li kien ġà kkonstata u seta' jaċċerta l-perikolu. Intalab posponiment, l-imputata opponiet, u l-Qorti ċaħditu, u qatgħet il-kawża bla dik il-prova. Kieku saret dik il-prova, kompla jgħid l-Attorney General, l-imputazzjoni kienet tkun pruvata;

Issa hu ċert li quddiem l-Ewwel Qorti kien dover tal-Pulizija prosekutriċi li tuur lesta bil-provi, partikolarment bi prova bażiljari kif kienet din. Però, jekk ma kienx hemm xejn li seta' jjuri preġudizzju għall-imputata, jew xi raġuni oħra, ma jidherx li l-Ewwel Qorti ma tistax, f'każ simili, u dejjem skond iċ-ċirkustanzi, tagħti, mhux differiment, imma, kif kien mitlub f'dan il-każ, sempliċi posponiment;

Imma issa l-pożizzjoni ma hijiex aktar din. Jekk jingħatax posponiment jew le kienet ħaġa li kienet tiddependi mid-diskrezzjoni tal-Qorti ta' Isfel. Tajjeb jew ħażin, dik il-Qorti eżerċitat id-diskrezzjoni tagħha f'sens ta' rifjut tal-posponiment, u din il-Qorti ma tistax issa tindaħal. Kieku din il-Qorti kellha tindaħal, jista' jiġri li l-Prosekuzzjoni tittraskura ġġib il-provi mill ewwel, titlob posponiment, u, jekk il-Maġistrat, jiċħdu, il kawża tinġieb quddiem din il-Qorti bħala appell, u b'hekk ħafna kawżi jsiru quddiem din il-Qorti daqs kieku kienet Qorti ta' l-Ewwel Istanza, u l-imputat jiġi privat pratikament mill-benefiċċju ta' l-eżami doppju. Ma għandux jiġi kun-

sidrat il-każ speċjali, imma l-perikolu tal-preċedent li jista' jinħoloq;

L-Attorney General ma għandux raġun meta jipparifika dan il-każ ma' każ ta' prova impeduta illegalment mill-Maġistrat; għaliex ladarba l-Pulizija ma kienetx fi grad li tipproduċi l-prova "seduta stante", ma hux konċepibili rifjut ta' prova li fil-fatt mhix offerta. "Prova offerta" (meta tkun prova li setgħet tiġi prodotta) tfisser, u dejjem fissret, prova lesta biex tiġi prodotta "instanter", għaliex altrimenti tidħol iċ-ċirkustanza addizzjonali tal-posponiment jew differiment biex tiġi prodotta prova li setgħet, u kien imissha ġiet prodotta mill-ewwel, u li ma ġietx prodotta bi żvista jew negliġenza;

Għalhekk din il-Qorti ma tistax tindaħal, għalkemm tħoss li għandha tesprimi l-fehma li f'ċerti ċirkustanzi jista' jingħata posponiment qasir, jekk il-Maġistrat jidhirlu li ma hemmx preġudizzju;

L-appell hu għalhekk miċħud.